Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 2254/1995/1

**Anthony u Patricia konjugi Zerafa bhala kuraturi ad litem ta' binhom minuri Franklin Zerafa**

**v.**

**Joseph u Maria Dolores konjugi Sacco**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Dicembru 1995, l-atturi ppremettew illi Franklin Zerafa ta’ 7 snin, iben Anthony u Patricia konjugi Zerafa, fis-16 ta’ Lulju 1995, waqt li kien miexi fuq il-bankina f’Villambrosa Street, Hamrun, quddiem Carmen House, ir-residenza tal-konvenuti, tgerbeb u waqa’ f’munzell ta’ ramel bil-bricks tal-concrete fih, u garrab griehi fi halqu u f’wiccu li aktarx ihallu marki jew sinjali ta’ natura permanenti, kif juri c-certifikat mediku Dok. A; illi l-incident imsemmi gara tort tal-konvenuti li hallew fin-nofs u jingombra l-bankina, li-materjal imsemmi bi ksur tal-ligi; illi tort tal-konvenuti Franklin Zerafa sofra u ser isofri danni, konsistenti kemm fi spejjez minfuqa ghall-kura medika, kif ukoll f’menomazzjoni fid-dehra tal-wicc tieghu, u possibbilment fi snienu, li ghaliha huwa ghandu jircievi kumpens, li jkopri l-ispejjez eventwalment mehtiega anke ghall-intervent ta’ “plastic surgery” u interventi ohra jekk ikun il-kaz; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

1) tiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-korriment li Franklin Zerafa garrab fis-16 ta’ Lulju, 1995, fi Triq Villa Ambrosa, Hamrun, biswit ‘Carmen House’, residenza tal-konvenuti minhabba l-munzell tar-ramel u bricks imholli minnhom, jingombra l-bankina quddiem il-fond imsemmi u kwindi huma responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali li Franklin Zerafa sofra u ser isofri, inkluzi l-ispejjez gia imhallsa ghall-kura medika u ppruvata;

2) tillikwida d-danni kollha risarcibbli skond il-ligi; u

3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu, fi zmien perentorju, lill-atturi fil-kwalita` taghhom premessa, l-ammont ta’ danni hekk likwidati, bl-imghax sal-gurnata tal-pagament effettiv; bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ngunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-22 ta’ Jannar 1996. il-konvenuti eccepew:-

1. illi huma mhumiex responsabbli ghall-incident li gara lill-minuri Franklin Zerafa u wisq anqas ma huma responsabbli ghad-danni konsegwenzjali.

2. minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-pretensjonijiet tal-atturi nomine huma esagerati u sproporzjonati ghal dak li attwalment garrab il-minuri.

**Is-sentenzi appellati.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza permezz ta’ zewg sentenzi. Wahda moghtija fid-29 ta’ Marzu 2001, meta giet deciza l-ewwel talba attrici u cioe` dik dwar ir-responsabbilita` ghall-akkadut. L-ohra moghtija fl-1 ta’ Ottubru 2003, meta gew likwidati d-danni sofferti mill-minuri bhala rizultat tal-imsemmi incident.

**Sentenza tad-29 ta’ Marzu, 2001.**

Bis-sentenza fuq imsemmija l-Prim Awla tal-Qorti Civili filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u laqghet l-ewwel talba attrici, ghaddiet biex iddikjarat li l-konvenuti huma responsabbli ghall-korriment li Franklin Zerafa garrab fis-16 ta’ Lulju 1995, fi Triq Villambrosa, Hamrun, biswit “Carmen House”, residenza tal-konvenuti, minhabba li munzell tar-ramel u *bricks* imholli minnhom jingombra l-bankina quddiem il-fond imsemmi, u kwindi huma responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali li Franklin Zerafa jigi pruvat li sofra kawza ta’ l-istess incident. Dik il-Qorti ordnat ukoll li l-ispejjez ta’ dik id-decizjoni jkunu a karigu tal-istess konvenuti.

Fis-sentenza hawn fuq imsemmija jidher li l-ewwel Qorti ghamlet rassenja akkurata tal-provi prodotti, li, fil-verita` ma kenux hafna u jikkonsistu principalment fix-xiehda ta’ l-attrici, omm il-minuri, ta’ certa Anna Saliba, li dakinhar ta’ l-incident kienet qed takkompanja lill-attrici, fi triqthom lejn il-knisja, ta’ l-attur, tal-konvenut u r-ragel ta’ bintu, certu Joseph Abela u tas-Surgent Anthony Cutajar li investiga l-kaz.

Tenut kont tal-provi prodotti l-ewwel Qorti espremiet il-fehma taghha li d-dinamika tal-incident “*hija wahda cara, u tikkonsisti fil-fatt li fis-16 ta’ Lulju 1995, gurnata li kienet il-Hadd, ghall-habta tal-11.45 il-minuri Franklin waqt li kien ghaddej fuq il-bankina ta’ Villambrosa Street, il-Hamrun, mar fuq munzell terrapien maghluq bil-bricks li kien fuq il-bankina, u b’hekk certament li kien qed jingombra l-istess bankina, waqa’ u sofra ferita ta’ natura gravi, ghaliex wegga’ xuftejh mal-bricks li kienu forma ta’ “V” izommu l-istess xahx milli jkompli jinfirex mat-triq. L-istess terrapien kien ilu hemm quddiem id-dar tal-konvenuti stess, Carmen House, mill-gurnata ta’ qabel u tqieghed mill-konvenut u minn hatnu Joseph Abela, sabiex jintuza mill-istess konvenuti sabiex jiksu l-bejt taghhom.*”

Fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi u wara li l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni ta’ l-Artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ta’ l-Artikoli 32 u 34 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta. U wara li ghamlet l-osservazzjonijiet kollha relevanti u anke wara li ccitat, b’approvazzjoni, dak li jghid ic-Charlesworth fil-ktieb tieghu “*The law of Negligence*” (fol. 136) iddikjarat li “*hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti, li l-mod kif tpogga l-istess materjal u bricks fuq il-bankina, b’nuqqas kbir ta’ prudenza, u b’negligenza, kien il-kawza prossima tal-istess incident, u l-Qorti hija wkoll konvinta li kieku dan l-ingombru ma kienx fuq il-bankina, bil-mod perikoluz hekk espost, kieku dan l-incident sfortunat ma kienx isehh.*”

Dik l-istess Qorti kompliet tghid li “*ma ssib ebda kontributtorjeta` fl-istess incident fl-agir ta’ l-istess minuri, stante li l-istess minuri ghazel li jibqa’ miexi kif mghallem fuq il-bankina, u mhux jinzel mill-istess bankina ghal fuq it-triq, u lanqas issib negligenza fl-agir tal-istess attrici stante li hija kienet il-hin kollu fejn l-istess tifel, ghalkemm dan kien qed jimxi warajha. Pero` huwa ovvju li tifel ta’ sitt jew sebgha snin jimxi fuq bankina sew wahdu u ma hemmx bzonn li jzomm il-hin kollu idejn ommu.*”

**Is-sentenza ta’ l-1 ta’ Ottubru, 2003.**

Bis-sentenza ta’ l-1 ta’ Ottubru 2001 l-ewwel Qorti, wara li cahdet l-eccezzjoni l-ohra kollha tal-konvenuti u laqghat it-tieni u t-tielet talba attrici, ghaddiet biex illikwidat d-danni sofferti mill-atturi nomine fl-ammont ta’ hamest elef, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (LM5,323.25) (mahdum hekk LM5200 x 35 sena x 3% = LM5187 + LM136.25 *damnum emergens*) u kkundannat lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont lill-atturi bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament. Ordnat ukoll lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti osservat li ma kien hemm ebda kontestazzjoni fuq l-ammont ta’ LM136.25 reklamat bhala *damnum emergens* izda li kien hemm kontestazzjoni ghal dak li ghandu jinghata bhala kumpens taht il-kap ta’ *lucrum cessans* u dan billi l-konvenuti ma kienux qed jaqblu, bhala principju, li sfregju ghandu jigi kumpensat u dan partikolarment billi ma halla ebda dizabilita` funzjonali fil-halq jew fix-xoffa u billi, fi kwalunkwe kaz, vizwalment kien irrilevanti. Inoltre, kienu qed isostnu l-konvenuti, il-ligi taghna ma tikkontemplax hlas ghal danni morali.

L-ewwel Qorti, fl-ezercizzju maghmul ghall-komputazzjoni tad-danni dovuti lill-minuri, ezaminat id-diversi elementi li, skond il-gurisprudenza, dejjem kienu l-bazi ta’ kull tip ta’ likwidazzjoni f’kazijiet ta’ griehi ta’ natura permanenti. Wara li ghamlet dan, u wara li ezaminat sew in-noti tal-kontendenti, l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzzjoni li, ghal dak li jirrigwarda l-introjtu bhala bazi ghall-kumpens, dan ghandu jkun ta’ LM95 fil-gimgha u mhux ta’ LM120 kif reklamat mill-atturi u dan billi tali somma, fic-cirkostanzi u l-incertezzi tal-kaz minhabba l-eta` tenera tal-korrut, kienet aktar ekwa.

Ghal dak li hu l-multiplier l-ewwel Qorti, wara li ghamlet rassenja tal-gurisprudenza nostrana, u citat b’approvazzjoni mis-sentenza tas-7 ta’ Jannar 2003, fil-kawza **Paul Bottone et vs Rita Saliba** fejn jinghad li “*il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f’latitudini wiesa’ mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha*

*tal-kaz ….*” u gurisprudenza ohra li titkellem dwar l-“*multiplier*” u kif dan irid jirrifletti r-realta` tal-hajja moderna, l-istess Qorti accettat u konsegwentement adotta l-proposta tal-atturi ta’ 35 bhala “*multiplier*”.

Ghal dik li hija dizabilita` bhala rizulta ta’ l-isfregju l-ewwel Qorti, ukoll fuq skorta ta’ sentenzi nostrani, senjatament **Alex Vella Falzon vs George Vassallo** (P.A. tal-5 ta’ Ottubru, 1993), irriteniet li l-kumpens likwidabbli ma kienx jammonta ghal danni morali izda danni reali “*ghax anke sfregju simili jista’ jkollu l-import ekonomiku attwali …*” (mehuda mis-sentenza fuq citata). Ghalhekk accettat li l-kumpens jigi komputat fuq bazi ta’ dizabilita` fi grad ta’ 3% skond ma irrelata l-espert mediku Mr Charles Swain.

Finalment l-ewwel Qorti rriteniet li f’dan il-kaz ma kellu jsir ebda tnaqqis ghall-fini tal-“*lump sum payment*” billi l-kawza damet tmien snin biex tigi deciza.

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenzi fuq imsemmija u b’rikors intavolat fis-16 ta’ Ottubru 2003 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, “*illi s-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Marzu, 2001 dwar responsabbilita` ta’ l-incident (l-ewwel talba attrici) u dik tal-1 ta’ Ottubru, 2003 dwar il-likwidazzjoni u hlas ta’ danni (it-tieni u t-tielet talbiet attrici) jigu revokati minn din l-Onorabbli Qorti b’dana li t-talbiet attrici jigu michuda – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi nomine.*”

Jidher ghalhekk li l-konvenuti qed jappellaw sew mill-pronunzjament ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbilita` ghall-akkadut, sija fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni dovuti lill-atturi nomine.

**Dwar ir-responsabbilita` ghall-incident.**

Dwar responsabbilita` ghall-incident il-konvenuti, fl-ewwel lok, donnhom jikkontestaw dak li sabet l-ewwel Qorti dwar kemm kien jestendi l-materjal u bricks li kien qed jingombra l-passagg. Izda f’dan ir-rigward irrilevaw biss

dak li qalu huma u dak li xhedu l-atturi minghajr ebda argument li jista’ jissodisfa lil din il-Qorti li dak li xehedu l-istess konvenuti kellu mis-sewwa fil-konfront ta’ dak li qalu l-atturi u xhieda ohra. F’dan ir-rigward jigi osservat li l-ewwel Qorti strahet fuq dak li xehed P.S. 1401 Anthony Cutajar li, meta mar fuq il-post xi granet wara l-akkadut osserva li l-materjal “*kien qieghed jiehu erba’ minn hames partijiet mill-bankina*”. Ghalhekk jidher li certament il-materjal kien qieghed jingombra l-bankina b’mod li parti zghira biss ta’ l-istess bankina kienet accessibbli. Mill-assjem ta’ l-argumenti mressqa fil-kuntest tal-kwistjoni tar-responsabbilita` jidher li l-konvenuti qed jibbazaw ruhhom fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 1034 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan jghid hekk: “*Kull min jiehu hsieb ta’ wiehed minuri jew ta’ mignun, hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri jew il-mignun meta huwa ma jkunx ha hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix.*” Gie rilevat, ghalhekk, li omm il-minuri, u cioe` l-attrici Patricia Zerafa, li dakinhar kienet qed takkompanja lil binha Franklin, ghandha tinstab responsabbli, jew *in toto* jew parzjalment, ghal dak li gara billi naqset milli tissorvelja l-kondotta tal-minuri kontinwament u minghajr heda.  Biss, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, f’kaz ta’ tarbija ta’ sitt snin mhux mistennija li l-persuna li tkun qed tiehu hsieba izzommilha idejha kontinwament. Kien ghalhekk ghaqli li l-istess persuna tassigura li dik it-tarbija timxi fuq il-bankina, li hija intiza ghall-*pedestrians*, fejn, taht cirkostanzi normali, tkun boghod mill-perikolu li tipprezenta t-triq fejn jghaddu vetturi. Jidher li hawn il-konvenuti qedin jipprovaw jiskartaw mir-responsabbilita` taghhom rizultanti mill-mod negligenti li bih ingumbraw l-bankina. Nuqqas dan li certament ma jistax jigi skartat fid-determinazzjoni tar-responsabbilita`.

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u konformement is-sentenza tad-29 ta’ Marzu, 2001 ser tigi kkonfermata.

**Dwar il-quantum tad-danni.**

Dwar id-danni li gew likwidati favur l-minorenni bis-sentenza ta’ l-1 ta’ Ottubru 2003, il-konvenuti qed jissottomettu li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar id-

*damnum emergens* billi dawn jirrizultaw minn ricevuti. Biss dwar id-danni hekk maghrufa bhala *lucrum cessans* qed jinghad illi:-

a) Li-griehi sofferti mill-minorenni ma kkawzaw ebda dizabilita` funzjonali.

b) Li d-danni likwidati huma danni morali mhux kontemplati fis-sistema legali taghna.

c) Li c-cikatrici bil kemm tidher u ghalhekk hija irrilevanti.

d) Li gie likwida kumpens anke ghaz-zmien meta d-danneggjat kien ghadu minuri.

e) Li multiplier ta' 35 huwa ezagerat.

f) Li ma sar ebda tnaqqis ghal "lump sum payment".

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Il-gurisprudenza taghna f'materja ta' danni rizultanti minn incidenti rat zvilupp konsiderevoli fuq medda ta' snin. Is-sistema ta' "*multiplier*" li tigi uzata f'dawn il-kazi giet ghall-ewwel darba introdotta bis-sentenza tat-22 ta' Dicembru 1967, fil-kawza **Butler v. Heard**. Hemm il-Qorti introduciet certa principji fil-komputazzjoni tal-kumpens intizi biex jaghtu certa regolarita` u uniformita` f'materja ta' danni simili. Ir-regoli hemm enunzjati, generalment maghrufa bhala is-sistema tal-"*multiplier*", gew applikati mill-Qrati taghna fil-maggor parti tal-kazi. Biss, bil-moghdija taz-zmien, gew introdotti u adottati certa principji ohra li, ghalkemm kienu jinkwadraw fil-kuncett generali kif espost fis-sentenza citata, dejjem irrikonoxxew il-poter diskrezzjonali tal-Qorti fil-kwantifikazzjoni tad-danni dovuti. Hekk, per ezempju, jinghad fis-sentenza tas-7 ta' Jannar, 2003 fil-kaz ta' **Bottone et v. Saliba** li "*jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesa' imhollija <u>fid-diskrezzjoni</u> tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certu principji*

*ghadhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat ta' l-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.*"

Illi din il-Qorti ma thoss li ghandha xi zzied ma dak li qalet l-ewwel Qorti dwar id-dritt ta' kumpens meta ma jkunx hemm dizabilita` funzjonali billi llum huwa generalment rikonoxxut li kull dizabilita`, anke jekk fl-apparenza ma ghandha ebda effetti fuq il-kapacita` lavorattiva ta' dak li jkun, xorta wahda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista' jigi eskluz l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal. F'dan is-sens din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li d-danni likwidati ma humiex ta' natura morali izda jirriflettu r-realta` tas-sitwazzjoni tad-danneggjat.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-multiplier ta' 35 sena adottat ghal fini tal-komputazzjoni tat-telf futur, din il-Qorti tosserva li l-hajja lavorattiva ta' individwu legalment tispicca bl-eta` ta' wiehed u sittin sena. Jekk minn din il-firxa ta' snin jitnaqsu tmintax il-sena, cioe` meta persuna hija mistennija li tibda tahdem, jibqa' tlieta u erbghin sena li matulhom persuna tista` tippercepixxi introjtu. Minn dan jidher, kuntrarjament ghal dak li ntqal fir-rikors ta' l-appell, illi l-ewwel Qorti certament ma haditx in konsiderazzjoni, fil-komputazzjoni tad-danni, dak il-perjodu ta' minor eta` tad-danneggjat. Jidher ukoll li dik il-Qorti ma applikatx bhala "*multiplier*" il-perjodu kollu lavorattiv tad-danneggjat biss irriducietu bi tmien snin, presumibilment minhabba "*the chances and changes of life*". Tenut kont tal-eta` tad-danneggjat meta sehh l-akkadut u l-fatt li ma hemm ebda possibbilita` ta' miljorament fil-kondizzjoni tieghu, din il-Qorti ma ssib xejn xi tghid kontra d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Dwar ir-rilevanza tac-cikatrici fuq xuftejn d-danneggjat din il-Qorti, anke wara li ezaminat lill-istess Franklin Zerafa fl-

udjenza tat-3 ta' Ottubru 2006, hija tal-fehma li fil-verita` din ic-cikatrici hija verament zghira u bilkemm tidher. Biss, mill-banda l-ohra, ghandu jinghad li l-grad ta' dizabilita` akkordat mill-espert mediku kien wiehed zghir u certament jirrifletti l-effett li tali cikatrici jista' jkollha fuq il-hajja lavorattiva ta' l-istess minuri. Din il-Qorti ghalhekk ma thoss li ghandha tvarja l-percentwali ta' dizabilita` specjalment meta l-opinjoni tal-espert mediku ma gietx ikkontestat b'talba ghall-hatra ta' periti perizjuri, u izjed u izjed meta din l-opinjoni tikkonferma dak li qal fir-rapport tieghu tat-3 ta' Mejju, 1996, it-tabib ex parte Dr. Joseph E Briffa – Plastic and Reconstruction Surgeon. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Finalment il-konvenuti appellanti qed joggezzjonaw ghall-fatt li mill- *quantum* ta' danni likwidat favur il-minuri ma sar ebda tnaqqis minhabba l-fatt li l-ammont ser jithallas f'daqqa. F'dan il-kuntest l-appellanti osservaw li l-ewwel Qorti filwaqt li ghamlet referenza ghall-gurisprudenza nostrana fejn jinghad li l-ammont ta' 20% normalment imnaqqas ghall-"*lump sum payment purposes*" u li din il-percentwali tonqos skond kemm iddum ma tigi deciza l-vertenza, iddecidiet li ma ghandu jsir ebda tnaqqis billi l-kawza damet tmien snin biex tigi deciza.

Din il-Qorti, izda, hija tal-fehma li, b'rispett lejn il-principji generalment adottati fir-rigward, ghandu jsir tnaqqis ta' ghaxra fil-mija mill-ammont likwidat bhala *lucrum cessans* u dana billi ma jirrizultax li kien hemm xi htija tal-konvenuti biex il-kawza damet biex giet determinata. B'hekk il-kumpens ghat-telf futur ghandu jonqos ghal LM4669 li mghadud mas-somma ta' LM136.25 *damnum emergens* jghati total ta' erbat elef tmien mija u hames liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM4805.25).

**Decide:**

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tad-29 ta' Marzu, 2001

dwar ir-responsabbilita ta’ l-incident, tirriforma s-sentenza appellata ta’ l-1 ta’ Ottubru, 2003 billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi nomine s-somma ta’ erbat elef tmien mija u hames liri maltin u hamsa u ghoxrin centezimu (LM4805.25) minflok l-ammont likwidat bl-imsemmija sentenza, izda fic-cirkostanzi tordna li l-ispejjez kollha ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------